MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 15/2001/1

**Vincent Desira**

***Versus***

**Lucienne Zammit**

Din il-kawża hija dwar kontijiet bejn żewġ għarajjes li ħassru.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet għamlu żmien twil joħorġu flimkien, ukoll bħala għarajjes bi tħejjija għaż-żwieġ. L-attur għamel ħafna spejjeż fil-proprjetà tal-konvenuta u għamel ukoll depożiti għax-xiri ta' ħwejjeġ bi ħsieb taż-żwieġ. Dawn l-ispejjeż u depożiti telgħu għal ħamest elef, seba' mija u disgħa u għoxrin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,729.53). Barra minn hekk, l-attur għamel tbaqqin ta' ħitan, twittija ta' torba u xogħlijiet oħra fil-proprjetà tal-konvenuta.

L-attur igħid illi l-għerusija tħassret bi ħtija tal-konvenuta weħedha, iżda għalxejn sejħilha ħafna drabi biex tħallas

is-somma msemmija fuq. Għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-għerusija tħassret bi ħtija tal-konvenuta weħedha;
2. tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur ħamest elef, seba' mija u disgħa u għoxrin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,729.53);
3. tillikwida s-somma li għandu jieħu l-attur għax-xogħlijiet li għamel fil-proprjetà tal-konvenuta; u
4. tikkundanna l-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef, seba' mija u disgħa u għoxrin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,729.53) u s-somma l-oħra li trid tiġi likwidata, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri bonarji tad-19 ta' Settembru 2000 u tad-9 t'Ottubru 2000, u l-imgħax sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-għerusija tħassret bi ħtija ta' l-attur, li f'ħin minnhom qal li ma jħoss xejn għall-konvenuta;
2. it-tielet talba saret għalxejn, għax ma hemmx talba għal kundanna għall-ħlas;
3. il-konvenuta ma għandhiex tagħti dak li hu mitlub fit-tieni u t-tielet talbiet; u
4. jekk hemm xi ħwejjeġ ta' l-attur, għandu jitlob li jingħatawlu lura u mhux jitlob il-ħlas ta' flus.

Mill-ewwel jidher illi t-tieni eċċezzjoni hija ħażina. Din l-eċċezzjoni tgħid illi t-tielet talba — għal-likwidazzjoni tal-valur tax-xogħol li għamel l-attur — saret għalxejn għax ma hemmx talba għall-ħlas tas-somma li tiġi likwidata. Ir-raba' talba ta' l-attriċi, iżda, hija għall-ħlas kemm tas-somma ta' ħamest elef, seba' mija u disgħa u għoxrin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,729.53) msemmija fit-tieni talba u kif ukoll għall-ħlas ta' "dik is-somma hekk likwidata", *i.e.* is-somma likwidata skond it-tielet talba.

It-tieni eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu.

L-istorja tal-għerusija tal-partijiet turi illi l-problema ewlieni li kellhom kien illi s-sigħat tax-xogħol tagħhom ma kinux iħallulhom ħin biżżejjed għal xulxin biex isiru jafu lil xulxin aħjar, biex jagħarfu fejn jaqblu u ma jaqblux, u biex jagħarfu jagħmlu l-kompromessi meħtieġa biex tnejn min-nies jorbtu ħajjithom ma' ta' xulxin. Dan wassal biex il-

komunikazzjoni ta’ bejniethom kienet ħażina u għalhekk ma setgħux jagħarfu l-ħtiġiet ta’ xulxin.
Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, aktar milli tista’ tgħid illi l-għerusija tħassret bi ħtija ta’ wieħed jew ta’ l-oħra, kienu ċ-ċirkostanzi li ma jaħti għalihom ħadd li ma ħallewx illi r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet tikber u tissaħħaħ.
Għal din ir-raġuni l-qorti ma tistax tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-attur.
Kif sewwa qal l-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu, l-ispejjeż li għamel u li qiegħed jitlob li jintraddulu huma ta’ żewġ kategoriji: dawk li saru fid-dar li, għalkemm maħsuba biex tkun id-dar tal-partijiet wara ż-żwieġ, kienet proprjetà tal-konvenuta; u dawk li saru bi tħejjija għaż-żwieġ.
L-ispejjeż li saru fid-dar għandhom jintraddu lill-attur, sabiex il-konvenuta ma tistagħniex bla mistħoqq ladarba l-ispejjeż kienu biex saru benefikati fil-proprjetà tagħha. Dwar l-ispejjeż li saru bi tħejjija għat-tieġ, u li għalhekk intilfu għax it-tieġ baqa’ ma sarx, huwa xieraq li dawn jinqasmu bejn il-partijiet f’ishma ndaqs.
L-attur ħejja prospett[1] ta’ l-ispejjeż li saru fid-dar, u b’nota ta’ l-4 t’April 2002[2] il-konvenuta wieġbet li taqbel ma’ dawn l-ispejjeż ħlief għal erba’ *items* li l-attur ma weriex riċevuti għalihom.
Għalkemm kien jaf b’din il-kontestazzjoni tal-konvenuta, l-attur wieġeb biss billi xeħet xi riċevuti fl-atti[3] bla ma fisser kif dawn ir-riċevuti jorbtu mal-prospett tiegħu u għalhekk ma kienx possibbli għall-qorti li tara jekk dawn ir-riċevuti humiex ta’ l-*items* approvati mill-konvenuta jew ta’ l-*items* kontestati, ladarba ċ-ċifri ma jaqblux.
Il-qorti tifhem ukoll, iżda, illi meta l-attur għamel dawn l-ispejjeż għamilhom bil-ħsieb li jagħmel benefikati fid-dar fejn kien sejjer joqgħod hu ma’ martu, u ma għamilhomx bil-ħsieb li xi darba jitlob li jintraddulu. Għalhekk tifhem illi jista’ jiġri li ma jkollux riċevuti ta’ kollox. Relevanti wkoll il-fatt illi l-konvenuta ma hijiex qiegħda tiċħad li saru l-ispejjeż li ma hemmx riċevuta għalihom; qiegħda tikkontestahom biss għax ma hemmx riċevuti.

---

1 *Fol.* 5.

2 *Fol.* 19.

3 *Foll.* 53 *et seqq.*

Il-qorti għalhekk sejra toqgħod fuq il-prospett imħejji mill-konvenut, b'dan illi tagħmel tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) kemm biex tagħmel tajjeb għal xi ineżatteżżi li jista' jkun hemm fiċ-ċifri li ma humiex ġustifikati b'riċevuti kif ukoll għax il-benefiċċju li ħadet il-konvenuta ma huwiex l-ispejjeż infishom iżda daqskemm żdied il-valur tad-dar bil-benefikati, li x'aktarx ikun anqas min-nefqa.
L-ispejjeż skond il-prospett ta' l-attur telgħu għal ħamest elef, seba' mija u disgħa u għoxrin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm5,729.53);  bi tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) dawn jinżlu għal erbat elef, ħames mija u tlieta u tmenin lira u tnejn u sittin ċenteżmu (Lm4,583.62).
Billi dawn l-ispejjeż saru fuq ħwejjeġ li ġew mgħaqqda mal-fond bil-ħsieb li jibqgħu ħaġa waħda miegħu[4], ma hux il-każ illi l-attur jieħu lura l-ħwejjeġ mixtrija flok flus;  ir-raba' eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.
Għall-ispejjeż bi tħejjija għat-tieġ l-attur qiegħed jitlob tliet mija u ħamsa u tletin lira (Lm335) b'kollox.  Il-konvenuta iżda wriet b'riċevuti illi ħmistax-il lira (Lm15) minn dawn l-ispejjeż ħarġithom hi[5], u spejjeż oħra li l-attur qal li huma mija u tletin lira (Lm130) fil-fatt kienu ħamsa u sebgħin lira (Lm75)[6].  Għalhekk irid isir tnaqqis ta' sebgħin lira (Lm70) mis-somma pretiża mill-attur, biex jifdal mitejn u ħamsa u sittin lira (Lm265).  Il-konvenuta ħarġet ħmistax-il lira (Lm15) u għalhekk l-attur nefaq mitejn u ħamsin lira (Lm250) aktar minnha.  Din in-nefqa żejda tinqasam bejn il-partijiet u għalhekk l-attur għandu jieħu mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm125.00).
Għalhekk b'kollox, għall-ispejjeż fid-dar u għal sehem il-konvenuta mill-ispejjeż bi tħejjija għat-tieġ, l-attur għandu jieħu erbat elef, seba' mija u tmien liri u tnejn u sittin ċenteżmu (Lm4,708.62).
L-attur talab ukoll ħlas għal xogħol li għamel hu fid-dar.  Il-qorti taqbel iżda mal-konvenuta illi l-attur ma ressaq ebda provi dwar dan ix-xogħol u għalhekk il-qorti ma tistax tillikwida kemm jiswa.  Barra minn hekk, meta tqis illi, kif xehed l-attur stess, lanqas kellu ċavetta tad-dar, il-qorti

---

4 Art. 308(*f*), Kod. ~iv.

5 *Foll.* $20^a$ u $20^b$.

6 *Foll.* 21 *et seq.*

ma tarax illi x-xogħol li seta' għamel l-attur seta' kien jiswa wisq.
Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tilqa' din it-talba.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-ewwel u t-tielet talbiet ta' l-attur, tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti lill-attur erbat elef, seba' mija u tmien liri u tnejn u sittin ċenteżmu (Lm4,708.62), u għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur erbat elef, seba' mija u tmien liri u tnejn u sittin ċenteżmu (Lm4,708.62) flimkien ma' l-imgħax millum sa dakinhar meta jsir il-ħlas.
L-ispejjeż għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------